C/2026/4139

27.7.2026

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1816, u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/1846 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

(C/2026/4139)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK [1], kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1816 [2], u fl-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 [3], kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/1846 [4] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK u fir-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li jibqgħu jkunu soġġetti għall-miżuri restrittivi msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, **qabel is-27 ta' Novembru 2026**, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-fini tar-rieżami tal-Kunsill tal-miżuri restrittivi qabel l-iskadenza tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

Qiegħda tingħibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għall-possibbiltà li d-deċiżjoni tal-Kunsill tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

[1] ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.
[2] ĠU L, 2026/1816, 23.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/1816/oj.
[3] ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.
[4] ĠU L, 2026/1846, 23.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1846/oj.